MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 871/2003

**LOMBARD BANK MALTA p.l.c.**

vs

**Fiona BRINCAT bħala debitriċi prinċipali u Emanuel u Doris konjuġi BRINCAT bħala garanti solidali**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-26 t'Awissu, 2003, li bih is-soċjeta' attriċi wara li ppremettiet:

Illi l-Bank attur permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar John Hayman li jġib id-data tat-tletin (30) t'Ottubru, tas-sena elfejn (2000) li kopja legali tiegħu hija hawn annessa u mmarkata Dok. "A", ikkonċeda lill-konvenuta Fiona Brincat faċilita' ta' self u in forza ta' din il-faċilita' l-konvenuta imsemmija sselfet flus mingħand il-Bank attur u għandha debitu bilanċjali komplessiv favur l-istess Bank attur ta' tnax-il elf mitejn erbgħa u sittin liri maltin, erbgħa u

sebgħin ċenteżmu (LM12,264.74) skond "statements" hawn annessi u mmarkati Dok. "B" u Dok. "C" bl-interessi kkalkolati sal-ħamsa (5) t'Awissu tas-sena elfejn u tlieta (2003) oltre l-imgħaxijiet ulterjuri mis-sitta (6) t'Awissu tas-sena elfejn u tlieta (2003) sad-data tal-pagament effettiv, u ggarantiet il-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu permezz ta' ipoteka ġenerali fuq ħwejjigha kollha preżenti u futuri, u l-konvenuti Emanuel u Doris konjuġi Brincat ggarantew b'mod solidali l-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu permezz ta' ipoteka ġenerali fuq il-ħwejjeg kollha tagħhom preżenti u futuri kif ukoll ipoteka speċjali fuq id-dar bil-garage anness jisimha "Ward u Zahar" fi Triq Emanuel Attard, Santa Venera skond kif aħjar deskritt fl-imsemmi kuntratt;

Illi għalkemm interpellati sabiex iħallsu dan id-debitu anke uffiċjalment, il-konvenuti baqgħu inadempjenti;

Għalhekk is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhex għar-ragunijiet hawn fuq premessi:

1. Jiġu kollha solidalment ikkundannati sabiex iħallsu lill- Bank attur is-somma ta' tnax-il elf mitejn erbgħa u sittin liri maltin, erbgħa u sebgħin ċenteżmi (Lm12,264.74) skond "statements" hawn annessi u mmarkati Dok. "B" u Dok. "C" bl-interessi kkalkolati sal-ħamsa (5) t'Awissu tas-sena elfejn u tlieta (2003) oltre l-imgħaxijiet ulterjuri mis-sitta (6) t'Awissu tas-sena elfejn u tlieta (2003) sad-data tal-pagament effettiv;
Bl-ispejjeż kollha inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk ta' l-ittri uffiċjali li ġġibu id-dati tad-9 t'Awissu, 2002 u 8 ta' Lulju, 2003 u bl-imgħaxijiet legali mis-6 t'Awissu 2003 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma ilkoll minn issa nġunti għas-subizzjoni tagħhom;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-soċjeta' attriċi;

Rat illi ċ-ċitazzjoni ġiet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jippreżentaw nota ta' eċċezzjonijiet u hekk baqgħet kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda tas-soċjeta’ attriċi b’mod partikolari d-dikjarazzjoni li saret waqt is-smigħ tal-kawża tal-lum fis-sens li l-ebda biċċa mill-ammont imsemmi fl-Att taċ-Ċitazzjoni ma tħallas;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta pruvata;

Fil-kontumaċja tal-konvenuti tiddeċiedi billi tilqa’ t-talba tas-soċjeta’ attriċi kif dedotta fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż kontra l-konvenuti u bl-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma li jibdew jgħaddu mill-5 t’Awissu, 2003, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------